# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-17 ta' Novembru, 2016.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 12/2015 SM**

**Mario Azzopardi**

**vs.**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi fl-14 t'Awwissu, tal-1995, intavola kawza fl-ismijiet ***Mario Azzopardi vs. Andrew Bird et***;

1.2. Illi l-kawza indikata fil-paragrafu precedenti kienet tirrigwarda incident awtomobilistiku fejn talab li l-intimat hemm indikat kien unikament u esklussivament responsabbli ghall-incident *de quo* biex b'hekk l-istess intimat ikun ikkundannat ihallas id-danni sofferti mill-istess rikorrenti;

1.3. Illi l-kawza hekk introdotta kienet deciza fil-15 ta' Lulju, 2010, u appellata;

1.4. Illi l-appell gie deciz fit-28 ta' Frar, 2014;

1.5. Illi fl-ewwel qorti l-kawza damet madwar hames (5) snin differita ghas-sentenza, senjatament bejn l-10 ta' Marzu, 2005, sal-15 ta' Lulju, 2010;

1.6. Illi hu dritt fundamentali tal-individwu li l-kawza tieghu tigi mismugha u finalizzata fi zmien ragonevoli *ai termini* tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), u mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni);

1.7. Illi l-istess gie debitament sancit mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Qorti Ewropea), fil-kawzi fl-ismijiet: (ara foll 2)

1.7.1. ***Vocaturo vs. Italy***: datata l-***24 ta' Mejju, 1991***;

1.7.2. ***G.H. vs. Austria***: datata t-***3 t'Ottubru, 2000***;

1.8. Illi l-istess gie wkoll sancit lokalment mill-***Qorti Kostituzzjonali*** fil-kawza fl-ismijiet ***Major Manduca vs. Il-Prim Ministru***, datata t-***23 ta' Jannar, 1995***;

1.9. Illi kif isosstnu l-Van Dyke u l-Van Hoof:

> "Overburdening of the judiciary in general is not recognised as an excuse since the contracting partners have the general duty to organise the administration of justice in such a way that the trial Court can satisfy the requirements of article 6";

1.10. Illi l-istess gie ribadit u emfasizzat mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)*** fl-ismijiet ***John Saliba vs. Avukat General et***, datata l-***24 ta' April, 1998***, (ara foll 2);

1.11. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Central Mediterranean Development Corporation Limited vs. Avukat Generali***, datata l-***14 ta' Novembru, 2002***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)*** stabbiliet li fil-kwistjonijiet ta' smigh xieraq bhal dak in dizamina ghandhom jigu ikkunsidrati s-segwenti fatturi:

1.11.1. Il-komplessita` tal-kaz;

1.11.2. L-imgieba tal-qorti;

1.11.3. L-imgieba tal-lanjant;

1.12. Illi fil-kaz in dizamina z-zmien mehud sas-sentenza finali kien wiehed li jaqbez il-perjodu normalment mehud biex qorti tiddisponi min kaz simili;

1.13. Illi ghaldaqstant, adixxa din il-qorti biex l-intimat jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.13.1. Tiddikjara li z-zmien irragonevoli mehud mill-qorti biex tikkonkludi l-kawza fuq riferita illeda d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti kif sancit fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni;

1.13.2. Taghti rimedju effettiv;

1.13.3. Taghti dawk l-ordnijiet u provedimenti xierqa u necessarji biex jigu sanciti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tar-rikorrenti;

2. Rat id-digriet taghha datat id-9 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, awtorizzat lill-intimat biex ghar-ragunijiet minnhu esposti fir-rikors tieghu datat it-22 ta' Mejju, 2015, jintavola risposta biex iwiegeb ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 46 u 30);

3.0. Rat ir-risposta datata t-12 t'Ottubru, 2015, li permezz taghha l-intimat sintetikament wiegeb bil-mod segwenti: (ara foll 53)

3.1. Illi r-rikorrenti ma garrab l-ebda lezjoni fid-dritt tieghu ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni;

3.2. Illi dak allegat mir-rikorrenti hu infondat;

3.3. Illi r-rikorrenti seta' uzufruwixxa ruhhu mill-artiklu 195(5)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u talab lill-Prim'Imhallef biex jassenja l-ghoti tas-sentenza lil membru iehor tal-gudikatura;

3.4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti naqas li jfittex rimedju effettiv skont il-ligi ordinarja;

3.5. Illi b'hekk il-qorti odjerna ghandha tastjeni milli tqis l-ilment kostituzzjonali, u dan, *ai termini* tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni, u tal-*proviso* tal-artiklu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.6. Illi l-fatt li l-kawza lamentata mir-rikorrenti damet hames (5) snin ghas-sentenza, dan ma jfissirx li allura ghandu awtomatikament jinstab li kien hemm dewmien ingustifikat;

3.7. Illi skont il-gurisprudenza kostanti fir-rigward l-irragonevolezza taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt jew min numru ta' snin involuti, izda ghandu jkun ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

3.8. Illi qorti m'ghandha l-ebda limitu ta' zmien partikolari li fih trid tosserva l-kors tal-procedura;

3.9. Illi l-qorti ghandha tikkunsidra s-segwenti:

3.9.1. Kemm dam pendenti l-kaz;

3.9.2. Jekk id-dewmien kienx kappriccuz;

3.9.3. Jekk id-dewmien kienx mahsub biss biex jizvantagga lill-lanjant fid-drittijiet tieghu;

3.10. Illi jigi rilevat li fil-procedura in dizamina gew mahtura zewg (2) esperti teknici fuq talba tal-istess rikorrenti odjern;

3.11. Illi *di piu`*, jirrizulta li biddel ukoll erba' (4) avukati;

3.12. Illi li r-rikorrenti jipprova jikseb kumpens ghar-ragunijiet minnhu esposti m'ghandiex mis-sewwa, u dan wara li:

3.12.1. L-istess rikorrenti tilef il-kawza civili u instab responsabbli ghall-incident *de quo*;

3.12.2. Wegga fl-incident *de quo* ghaliex kien qed isuq bi drieghu l-leminija mixruf;

3.12.3. Kien qed isuq meta mhux kopert b'polza t'assikurazzjoni;

3.13. Illi konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.14. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, ordnat l-allegazzjoni tal-atti hemm indikati ma dawk ta' dan il-process, (ara foll 57 u 67);

5. Tirrileva pero` li *nonostante* dak indikat fil-paragrafu precedenti l-atti hemm indikati ma gewx ipprezentati in atti u hadd mill-partijiet ma irregistra xi ilment fir-rigward u baqghu ghaddejjin bil-procedura daqslikieku dawn kienu *in atti*;

6. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati u kif sussegwentement estizi, (ara foll 69, 79 u 83);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata s-16 ta' Marzu, 2016, (ara foll 72), flimkien ma' dik sottomessa mir-rikorrenti datata s-26 t'April, 2016, (ara foll 86);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

10. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi l-procedura odjerna hi azzjoni naxxenti mill-allegazzjoni tar-rikorrenti li fil-procedura minnhu indikata fir-rikors promotur tieghu, senjatament dik fl-ismijiet **Azzopardi vs. Bird et**, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel u foll 1), ir-rikorrenti sofra ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghas-smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif espressament sancit fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni;

11.2. Illi jirrizulta accettat mill-kontendenti li l-procedura in dizamina kienet giet:

11.2.1. Intavolata fl-14 t'Awwissu, tal-1995, (ara foll 1);

11.2.2. Deciza in prim'istanza fil-15 ta' Lulju, 2010, (ara foll 1);

11.2.3. Deciza fl-appell fit-28 ta' Frar, 2014, (ara foll 1);

11.3. Illi *di piu`* jirrizulta s-segwenti:

11.3.1. Illi l-procedura in prim'istanza damet kwazi hmistax- (15) il sena;

11.3.2. Illi jirrizulta wkoll li fil-procedura in prim'istanza dik il-kawza fuq riferita kienet damet mill-10 ta' Marzu, 2005, sal-15 ta' Lulju, 2010 differita interrottament ghas-sentenza, ghalhekk (aktar minn hames (5) snin shah), (ara foll 1 u 2);

11.3.3. Illi damet ukoll madwar erba’ (4) snin pendenti l-appell;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi stabbiliti l-punti fattwali involuti, ghandhom issa jigu indirizzati r-risposti sollevati mill-intimat, senjatament:

12.1. Nuqqas tar-rikorrenti li juzufruwixxu ruhhu mill-artiklu 195 (5) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

12.2. Smigh xieraq fi zmien ragonevoli;

12.3. L-allegazzjoni tal-intimat li r-rikorrenti qieghed jinqeghda b’din il-procedura biex jipprova jikseb kumpens;

Ikkunsidrat:

A. **L-Utilizzar tal-artiklu 195 (5) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta:**

13. Illi l-intimat jirribatti t-talbiet tar-rikorrenti billi preliminarjament isosstni li r-rikorrenti kellu l-fakulta` li jintavola rikors quddiem l-Onorevoli Prim Imhallef biex f’kaz ta’ dewmien ezagerat jassenja l-ghoti tas-sentenza lil membru iehor tal-gudikatura, (ara foll 53);

14. Illi f’dan ir-rigward il-***Qorti Kostituzzjonali*** sosstniet is-segwenti fil-kawza fl-ismijiet ***John A. Said et vs. L-Avukat Generali*** datata l-***11 ta’ Novembru, 2011***:

12. “....Fil-ligi ma hemm ebda obbligu fuq parti li tipprezenta rikors simili ghal dak imsemmi fl-artiklu citat, senjatament l-artiklu 195 (5) (b) tal-Kap 12 tal-ligijiet *de quo* izda jibqa’ dejjem l-obbligu tal-qorti li tmexxi l-procedura bil-heffa”;

15. Illi l-artiklu *de quo* jistabbilixxi s-segwenti:

> "Meta kawza tkun ilha pendenti ghas-sentenza quddiem qorti partikolari ghal tmintax- (18) il xahar jew aktar, kull parti fil-kaz tista', personalment, u minghajr il-htiega li tkun rapprezentata minn xi avukat, taghmel rikors, (liema rikors, madanakollu, ma jkunx jifforma parti mill-atti tal-kawza), lill-Prim Imhallef ghal dan il-ghan, u l-Prim Imhallef jista', ghas-semplici raguni li s-sentenza damet daqshekk biex tinghata, jilqa' t-talba biex il-membru tal-gudikatura li jippresjedi f'dik il-qorti jinbidel u biex il-kaz ghas-sentenza jigi assenjat lil membru iehor tal-gudikatura; id-decizjoni tal-Prim Imhallef, li tittiehed *in camera*, tkun finali u konkluziva; u fejn issir assenjament bhal dan ma jkunx hemm bzonn ta' notifika dwar dak l-assenjament";

16. Illi l-istess qorti indikata fil-paragrafu immedjatament qabel dak precedenti ghal dan tkompli bil-mod segwenti:

> "13. Madanakollu, din il-qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-Avukat Generali fl-aggravji tieghu billi r-rimedju li qed jirreferi ghalih l-Avukat Generali ma jistax jigi kkunsidrat bhala xi rimedju effikaci, imma ghall-kuntrarju huwa rimedju li x'aktarx iwassal ghal aktar dewmien, li wiehed jirrikorri ghalih bhala l-ahhar mizura";

17. Illi *di piu`*, jigi wkoll sottolineat li l-artiklu 195 (5) (b) in dizamina kien gie introdott fl-2007 permezz tal-Att VII tal-2007, filwaqt li l-kawza in dizamina pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet ilha gia` tigi differita ghas-sentenza mill-10 ta' Marzu, 2005, (ara foll 1);

18. Illi fid-dawl tas-suespost, din ir-risposta preliminari tal-intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

B. **Smigh xieraq fi zmien ragonevoli:**

19. Illi id-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli hu dritt sancit fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni, fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, u anke fl-artiklu 47 tal-Karta tal-Unjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali;

20. Illi f'dan ir-rigward jigi immedjatament sottolineat li s'issa, la l-gurisprudenza lokali u lanqas dik internazzjonali ma tistabbilixxi termini precizi, rigidi u predeterminati, biex tiddefinixxi l-perjodu involut fit-terminu "zmien ragonevoli" ghalkemm jezistu diversi indikazzjonijiet fir-rigward peress li dan il-kwezit hu wiehed mill-kwistjonijiet regolarment imqajma quddiem il-Qorti ta' Strasburgu, (ara **Rapport Annwali tar-Registru tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali, 2014, pp. 174 – 175**);

21.0. Illi ghalhekk, tali analisi ghandu jiddependi mic-cirkostanzi kollha riskontrati fil-kazijiet ezaminati, liema kazijiet ghandhom:

21.1. Jigu ezaminati individwalment; u

21.2. Jigu ezaminati fin-natura partikolari tac-cirkostanzi taghhom;

22. Illi fir-rigward l-awturi ***Harris, O'Boyle u Warbrick*** isostnu s-segwenti fil-ktieb taghhom *"Law of the European Convention on Human Rights"*, *Second Edition,* 2009, *Oxford* p. 201:

> "The Court, (b'referenza ghall-Qorti ta' Strasburgu), has stressed that the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively, (***Perez vs. France – 2004-1; 40 EHRR 909 para 64 GC)***"

23. Illi l-istess awturi jkomplu f'pagna 202:

> "The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate... A consequence of this is that in certain contexts the provisions of article 6 are as much obligations of results as of conduct, with national courts being allowed to follow whatever particular rules they

choose so long as the end result can be seen to be a fair trial";

24. Illi f'pagna 204 ikomplu:

"In some contexts a breach of article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant;

25. Illi f'pagna 224 jispecifikaw is-segwenti:

"Article 6 does not control the content of a state's national law; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law";

Ikkunsidrat:

26. Illi fil-ktieb taghhom *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"*, *Forth Edition – Intersentia – 2006 p. 578*, l-awturi *Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Leo Zwaak*, jaghmlu is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"When is a hearing fair ? In the ***Kraska case***, (sentenza datata z-19 t'April, 1993), the Court took as a starting point that the purpose of article 6 is *inter alia* to place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decisions ....

"The purpose of the reasonable time requirement of article 6(1) however is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position", (pagna 602);

"Only delays attributable to the state may cause a violation of the reasonable time requirement. In particular the efforts the judicial authorities have made to

expedite the proceedings as much as possible are an important factor”, (pagna 607);

27.0. Illi f’dan id-dawl il-kriterji li jistghu jidentifikaw dan il-perjodu bhala perjodu eccessiv gew identifikati mill-Qorti ta’ Strasburgu u huma applikati wkoll mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea, u jistghu jigu sintetizzati b’dan il-mod:

27.1. Illi l-ewwel jigi kkonsidrat il-perjodu li l-procedura hadet biex tigi konkluza;

27.2. Sussegwentement jigi kkonsidrat ukoll jekk dan il-perjodu hekk rizultanti kienx wiehed ragonevoli, (ara **K. vs. Poland, No. 30210/96, datata s-26 t’Ottubru, 2000, para. 159 -160**);

28. Illi f’dan ir-rigward il-***Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)*** irriteniet is-segwenti fil-kawza fl-ismijiet ***Francis Said vs. L-Avukat Generali***, datata s-***6 ta’ Mejju, 2009***:

“Huwa diskrezzjonali fil-gudikant li wara li jezamina l-fatti tal-kaz jara u jevalwa jekk iz-zmien dekors kienx accettabbli f’socjeta` demokratika”;

29. Illi l-***Qorti Ewropea***, fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Boddaert vs. Belgium***, datata t-***22 ta’ Settembru, 1992***, irriteniet is-segwenti:

“The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court’s case-law and in the light of the circumstances of the case which in this instance calls for an overall assessment”;

Ikkunsidrat:

30. Illi f’dan ir-rigward tat-terminazzjoni tal-procedura gudizzjarja fi zmien ragonevoli is-sentenza **Stogmuller vs. Austria, No. 1602/62, datata l-10 ta’ Novembru, 1969, para. 5**, jinghad li dan:

“... applies to all parties to court proceedings and its aim is to protect them against excessive procedural delays”;

31. Illi għalhekk fid-dawl tas-suespost jirrizulta pacifiku dak ritenut mill-intimat li *nonostante* li l-kawza in dizamina damet pendenti għal ħames (5) snin shah ghas-sentenza, dan ma jfissirx li awtomatikament ghandu ghalhekk jinstab li kien hemm dewmien ingustifikat;

32.0. Illi l-procedura in dizamina ghalhekk ghandha tigi ezaminata fl-assjem kollu taghha *stante* li biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk kawza gietx deciza jew le fi zmien ragonevoli wiehed necessarjament irid jezamina l-fattispeci kollha tal-procedura u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jiehu in konsiderazzjoni s-segwenti:

32.1. Illi l-perjodu operattiv f'kawza bhal din in dizamina li mhix ta' natura kriminali, jibda jiddekorri mill-mument li din tkun giet regolarment istitwita, (ara **Poiss vs. Austria, No. 9816/82, datata it-23 t'April, 1987, para. 50**);

32.2. Illi l-perjodu operattiv jigi terminat meta l-kaz jigi deciz b'mod finali, (ara **Dobbertin vs. France, No. 13089/87, datat il-25 ta' Frar, 1993, para. 44,** u **Orsus u Ohrajn vs. Croatia No. 15766/03, datata s-16 ta' Marzu, 2010**;

Ikkunsidrat:

33. Illi fis-sentenzi taghha fl-ismijiet ***König vs. Germany # 99***; ***Neumeister vs. Austria, # 21***; ***Ringeisen vs. Austria # 110***; ***Pėlisser and Sassi vs. France [GC] # 67***, u ***Pedersen and Baadsgaard vs. Denmark, # 45.23*** fost l-ohrajn, il-***Qorti Ewropea*** stabbilit is-segwenti tliet (3) kriterji principali biex tistabbilixxi l-principju tar-ragjonevolezza tat-tul ta' zmien involut f'tali proceduri, senjatament:

33.1. Il-Komplessita` jew in-Natura tal-Kaz;

33.2. Il-Kondotta tal-Partijiet fil-Kawza;

33.3. Il-Mod kif il-Proceduri gew Kondotti;

Ikkunsidrat:

A. **Il-Komplessita` jew in-Natura tal-Kaz**:

34. Illi dan il-principju, hu l-ewwel principju li l-Qorti Ewropea tistabbilixxi f'dan ir-rigward;

35. Illi minn ezami tar-rizultanzi mill-atti rigwardanti l-procedura involuta fil-kawza kondotta fil-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet in dizamina ***Mario Azzopardi vs. Andrew Bird et*** ma jirrizultax li l-kaz hemm ezaminat kien xi wiehed li b'xi mod jista' jigi deskritt bhala wiehed kumpless jew komplikat;

36. Illi jirrizulta li l-kawza in dizamina kienet istitwita minn Azzopardi fl-14 t'Awwissu, 1995, (ara foll 1);

37. Illi jirrizulta assodat ukoll ghaliex anke accettat mill-intimat, li l-qorti in prim'istanza ddecidiet il-kawza permezz ta' sentenza minnha moghtija fil-15 ta' Lulju, 2010, (ara foll 1);

38. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li ghal sentenza rigwardanti dikjarazzjoni ta' responsabbilita` u konkretizzazzjoni ta' danni relattivi wara incident stradali il-procedura in dizamina hadet komplessivament hmistax- (15) il sena biex tigi deciza in prim'istanza, (ara foll 1);

39. Illi fl-istess procedura in prim'istanza kienu gew appuntati perit gudizzjarju u perit tekniku, kemm biex jingabru l-provi, kif ukoll biex jikkonstataw id-dinamika ezatta tal-incident, (ara foll 95);

40. Illi l-mertu tal-kaz *de quo* ma jirrizultax li kien wiehed ta' natura serja, kumplessa, jew profonda;

41.0. Illi kull ma kien rikjest fl-istess procedura kien li:

41.1. Jingabru l-provi mill-perit legali u l-perit tekniku nominati;

41.2. Tigi konstatata r-responsabbilita` o meno ghall-incident *de quo*;

41.3. Jigu likwidati d-danni, jekk ikun il-kaz;

42. Illi ghandu jkun pacifiku li l-operazzjonijiet surriferiti fil-paragrafu precedenti ma kellhomx jiehdu hmistax- (15) il-sena in prim'istanza, u kwazi hames (5) snin ohra fl-appell;

Ikkunsidrat:

B **Il-Kondotta tal-Partijiet fil-Kawza:**

43. Illi minn ezami tal-posizzjonijiet hawn mehuda mill-partijiet ma jirrizultax li l-partijiet ikkontribwew ghad-dewmien ezagerat riskontrat – specjalment in prim'istanza;

44. Illi ghalhekk kwalunkwe nuqqas m'ghandux jigi akkollat lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

C. **Il-Mod kif il-Proceduri gew Kondotti**:

45. Illi ghandu jkun pacifiku li l-konduzzjoni ta' kawza hi r-responsabbilita` tal-gudikant li jkun qieghed jippresjidi l-kawza;

46. Illi l-obbligu tal-istess gudikant mhux dak li joghgob lill-partijiet, lir-rapprezentanti taghhom, jew lil xi terza parti injota, izda biss li jagixxi fil-limiti legislattivi imposti fuqu fl-ghola interessi tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;

47. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Anthony Camilleri et vs. Avukat Generali***, datata t-***22 ta' Marzu, 2012***, li rriferiet ukoll ghal ***Boddaert vs. Belgium*** (ara paragrafu numru tmienja u ghoxrin, (28.), aktar qabel), fejn kien stabbilit is-segwenti:

> "...whether the state allowed the proceedings to stagnate refraining from taking any substantial procedural measures for a considerable amount of time, or whether the system itself could be the object of criticism for displaying inherent features which inhibit the speedy conclusion of cases, the conduct of the authorities has to be consistent with the fair balance which has to be

struck between the requirement that judicial proceedings be expeditions and the principle of the proper administration of justice";

48.0. Illi l-ilmenti tar-rikorrenti jirrigwardaw principalment is-segwenti:

48.1. Il-perjodu ezageratament twil li l-kawza in dizamina hadet in prim'istanza (ara foll 1); u

48.2. Il-perjodu ta' hames (5) snin li l-istess procedura kienet giet konsistentement iddifferita ghas-sentenza fil-prim'istanza qabel din is-sentenza kienet eventwalment effettivament moghtija, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

49. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li l-perjodu ta' hames (5) snin mehud biex tinghata din it-tip ta' sentenza ma jistax jitqies gustifikabbli;

50. Illi in effetti, dewmien eccessiv tal-procedura gudizzjarja bhal dak hawn riskontrat ghandu l-effett korollari nefast li jista' jimmina s-sovranita` tad-dritt u b'hekk jimblokka anke l-access ghall-gustizzja, u minnu nnifsu, jaghti immedjatament lok li jiskatta id-dritt ekwiparatorju ta' rimedju effettiv, (ara **Rakkomondazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri fi hdan il-Kunsill tal-Ewropa, Rakkomondazzjoni (2010) 3**);

51. Illi tali perjodu mehud mill-qorti ta' prim'istanza biex tirredigi s-sentenza taghha jirrizulta inordinatament eccessiv u minnu nnifsu jilledi l-principju li ***sentenza ghandha tinghata fi zmien ragonevoli***;

Ikkunsidrat:

52.0. Illi tenut kont tal-analizi fuq elenkat rigwardanti it-tliet (3) kriterji kif stabbiliti mill-Qorti Ewropea dwar il-principju tar-ragjonevolezza tat-tul ta' zmien li tali proceduri ghandhom jiehdu, (ara paragrafu numru wiehed u tletin, (31.), aktar qabel), jirrizulta sintetikament is-segwenti:

52.1. Illi m’ghandu jkun hemm l-ebda dubju li r-rizultanzi riskontrati u fuq sintetikament elenkati, jilledu d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif protett mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

52.2. Illi tali lezjoni hi rizultat tal-mod kif il-qorti in prim’istanza ghazlet li tikkonduci l-procedura in dizamina b’inerzja meta minflok kellha l-obbligu u r-responsabbilita` li tara li dan id-dritt fundamentali tal-partijiet quddiemha ma jigux hekk minnha lezi;

52.3. Illi fid-dawl tas-suespost u a skans ta’ ripetizzjoni inutili ara wkoll:

52.3.1. ***Central Mediterranean Development Corporation Limited vs. Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 8 ta’ Mejju, 2003***;

52.3.2. ***Xuereb vs. Registratur tal-Qrati et***, ***Qorti Kostituzzjonali, 8 ta’ Novembru, 2004***;

52.3.3. ***Manduca vs. Onorevoli Prim Ministru, Qorti Kostituzzjonali, 23 ta’ Jannar, 1995***;

Ikkunsidrat:

53.0. Illi ir-rikorrenti jsostni wkoll li fi proceduri bhal dawk in dizamina wiehed ghandu:

53.1. Mhux biss jipprova li l-kaz *de quo* dam pendenti ghal perjodu skonsiderat; izda

53.2. Li tali dewmien kien wiehed kapriccuz; u

53.3. Li l-istess dewmien kien mahsub biss biex jizvantagga lill-lanjant fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu;

54. Illi f’dan ir-rigward l-intimat isosstni li d-dewmien fil-kawza in dizamina li minnu jilmenta r-rikorrenti kien dovut minhabba in-natura tal-kaz u l-komplessita` tal-procedura *stante* li l-istess kaz ma kienx ta’ *facile spedizzione*, (ara foll 75);

55. Illi in effetti l-intimat isosstni wkoll li l-kaz in dizamina kien wiehed kompless u sahansitra mhux biss kellhom jinhatru zewg (2) esperti teknici, izda r-rikorrenti kien ukoll kostrett ibiddel erba' (4) avukati biex jassisstuh, (ara foll 75);

Ikkunsidrat:

56. Illi *nonostante* dak indikat f'dan ir-rigward mill-intimat fil-paragrafi precedenti l-istess preokkupazzjonijiet minnu hemm espressi ma jwasslux lill-qorti odjerna biex tikkondividi l-istess hsiebijiet tieghu fir-rigward;

57. Illi jkun hemm kemm ikun hemm esperti nominati u avukati difensuri li jissosstitwixxu lil xulxin fl-assistenza tal-patrocinat taghhom, dan bl-ebda mod m'ghandu jirrizulta fl-intralcajar tal-ispeditezza normali tal-procedura, *molto piu`* meta l-qorti in prim'istanza baqghet preseduta mill-istess gudikant;

58. Illi l-principju ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli ma jammettix tali eccezzjonijiet;

59. Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, it-tielet (3) risposta sollevata mill-intimat ghandha wkoll tigi respinta;

Ikkunsidrat:

60. Illi *di piu`* jigi sottolineat li mid-direzzjoni rizultanti mill-paragrafi 4 sa 9 tar-rikors promotur, (ara foll 1 sa 3), jirrizulta palezament assodat li l-indirizz moghti lir-rikors promotur hu dak li l-ilment jirrigwarda unikament id-dewmien riskontrat in prim'istanza biex tiddeciedi il-kaz wara li kienu gew konkluzi l-provi u l-kaz thalla ghas-sentenza;

61. Illi in vista tal-premess, ma hemm l-ebda bzonn li tigi investita wkoll il-procedura quddiem il-Qorti tal-Appell, u konsegwentement din mhix ser tigi investigata;

Ikkunsidrat:

62. Illi l-ahhar risposta sollevata mill-intimat ghat-talbiet tar-rikorrenti tirrigwarda l-allegazzjoni unilaterali tal-intimat li permezz taghha jallega li r-rikorrenti qieghed jipprova juzufruwixxi ruhhu minn "dawn il-proceduri straordinarji biex jittanta jikseb xi kumpens minn fuq l-Istat", (ara foll 54);

63.0. Illi sintetikament l-intimat isostni dak minnu indikat fil-paragrafu precedenti ghas-segwenti ragunijiet:

63.1. Illi r-rikorrenti kien tilef il-kawza in dizamina;

63.2. Illi r-rikorrenti wegga' tort u htija tieghu ghaliex kien qed isuq bi drieghu barra il-vettura;

63.3. Illi r-rikorrenti ma kienx assigurat kontra sinistri bil-vetturi ghaliex ma kellux polza t'assigurazzjoni;

Ikkonsidrat:

64. Illi f'dan ir-rigward l-intimat jidher li qieghed jaqbez il-limiti tal-prudenza processwali *stante* li jekk ligi – tkun ta' liema natura tkun – taghti dritt procedurali t'azzjoni, l-utilizzar ta' dan id-dritt ma jistax jigi *ut sic* ekwiparat bhala abbuz ributtanti tal-procedura kif qed isosstni l-intimat;

65. Illi kemm- il darba c-cittadin jinghata d-dritt ta' azzjoni b'mod statutorjament legittimu, hu c-cittadin – u c-cittadin biss – li ghandu d-dritt li juzah kif jidhirlu hu, u kwalunkwe ingerenza, anke dik psikologika hawn riskontrata, sservi biss biex tilledi d-drittijiet tac-cittadin u ghalhekk l-affermazzjonijiet tal-intimat jammontaw biss ghall-pressjoni psikologika, indebita u illegittima intiza biss ghall-platea medjatika u ghalhekk mhix permissibbli;

Ikkunsidrat:

66. Illi jinghad ukoll li l-procedura odjerna hi limitata ghall-kwezit kostituzzjonali u konvenzjonali sollevat mir-rikorrenti u hi ghalhekk totalment indipendenti u distinta mill-ezitu tal-procedura precedentement civili mehuda;

67. Illi ghalhekk tali insinwazzjoni tal-intimat li jsostni li l-kawza odjerna giet intavolata ghaliex ir-rikorrenti tilef il-kawza civili u b'hekk ikun jista' allura jiggwadanja xi haga, hi ghal kollox ributtanti;

68. Illi *stante* li hawn *si tratta* ta' kawza rigwardanti dritt fundamentali, l-insinwazzjoni tal-intimat qed tigi ghalhekk meqjusa bhala wahda ta' natura odjuza li ma timmeritax il-konsiderazzjoni ta' din il-qorti;

69. Illi *di piu`* jigi sottolineat li l-procedura kostituzzjonali u konvenzjonali in dizamina hi procedura separata u distinta minn dik lamentata mill-intimat fir-raba' (4) risposta tieghu;

70. Illi in effetti l-procedura civili fuq riferita precedentement deciza, hi limitata biss ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` u ghal danni akwiljani rizultanti mill-incident stradali li jkun ta bidu ghas-saga odjerna;

71. Illi min-naha l-ohra, l-procedura odjerna hi indrizzata lejn dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fundamentali partikolari - senjatament dak ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli;

72. Illi ghalhekk, ghandu jkun pacifiku li kien x'kien l-ezitu tal-procedura civili, il-kwistjoni hawn sollevata rigwardanti s-smigh xieraq fi zmien ragonevoli tibqa' pertinenti u distinta minn dik precedenti fuq riferita;

73. Illi konsegwentement, anke din ir-raba' (4) risposta sollevata mill-intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

74.0. Illi rigward ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

74.1. Illi f’kawzi ta’ dan it-tip rigwardanti dewmien irragjonevoli kemm- il darba gie ritenut minn dawn il-qrati li semplici dikjarazzjoni ta’ lezjoni ta’ dritt fundamentali hi rimedju sufficjenti, (ara ***John Bugeja vs. Avukat Generali et, Qorti Kostituzzjonali***, datata l-***11 t’Awwissu, 2003***);

74.2. Illi pero` hawn *si tratta* ta’ procedura ta’ natura legalment semplici li hadet perjodu inordinat ta’ zmien biex tigi determinata liema perjodu mohli hu attribwibbli b’mod car lit-tribunal involut fuq riferit;

74.3. Illi *di piu`*, jirrizulta li l-procedura inzammet fi stall ghal perjodu ta’ aktar minn hames (5) snin wara li kienu ngabbru l-provi kollha u kienet mizmuma esklussivament ghand il-gudikant ikkoncernat ghall-prolazzjoni tas-sentenza;

74.4. Illi dan kien ukoll ifisser li r-rikorrenti hawn lanjant kien ikollu jidher perjodikament il-qorti, anke jekk tramite r-rapprezentant legali tieghu, biex jassissti ghall-prolazzjoni tas-sentenza – ghalkemm ghal hames (5) snin shah dan kien ikun inutilment;

74.5. Illi ghandu jkun pacifiku li l-istat t’incertezza li jinholoq minhabba l-inattivita` riskontrata mhux tollerabbli u ghandha tigi ccensurata bi kjarezza u b’fermezza fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li l-uniku skop taghha hu li tohloq dik is-serenita` socjali u konkordja minnha naxxenti, u m’ghandha qatt tintuza biex tirreka l-effett oppost ta’ *stress* u incertezza;

74.6. Illi ghalhekk ir-rimedju riskontrat ghandu jattira aktar minn semplici dikjarazzjoni effimera;

**DECIDE:**

75.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

75.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat;

75.2. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti, u ghallhekk:

75.2.1. Tiddikjara li z-zmien irragonevoli mehud mill-qorti fuq riferita biex tikkonkludi l-kawza fuq

riferita illeda d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti Mario Azzopardi kif sanciti fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni;

75.2.2. Tikkundanna lill-intimat Avukat Generali biex konsegwenza tal-istess ihallas lill-istess rikorrenti l-ammont ta' hamest elef euro, (€5,000.00), bhala rimedju ghall-istess;

75.2.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**